# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Seduta tad-Distrett tal-Imsida**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael Vella)**

**Vs**

**Cherise Esmeralda Vella**

Illum, 9 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra **Cherise Esmeralda Vella,** bint Johann Vella u Ruth xebba Caruana, imwielda Pieta' nhar it-3 ta' Novembru 1998 u residenti 35, Fl 5, Triq Bonavita, San Giljan akkuzata talli nhar il-hmistax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgha u ghoxrin (15/01/2024), ghall-habta tat-14:45hrs gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1) Ingurjajt jew heddidt lil Leon Charles Grech jew jekk kont provokat, ingurjajt b' mod li hrigt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
2) U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika: heddidt li taghmel xi reat jew / u ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat l-affidavit ta' PC 404 C Mifsudipprezentat mat-tahrika tal-kawza; rat l-affidavit ta' Marie Claire Tabone in rapprezentanza tas-socjeta' Epic Communications Ltd ipprezentat fit-30 ta' Mejju 2024; semghet ix-xhieda ta' Leon Charles Grech fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024 prodotti mill-prosekuzzjoni; semghet ix-xhieda tal-imputata Cherise Esmeralda Vella gis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024;

Rat li l-partijiet ghalqu l-provi u ttrattaw il-kawza fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024

Rat l-artikoli 339(e) tal-Kap. 9 u art. 49(a),(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Provi tal-Prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PC 404 C. Mifsud**. Jiddikjara li nhar is-16 ta' Jannar 2024 waqt li kien stazzjonat l-Ghassa, Sliema certu Charles Leon Grech ghamel rapport ta' insulti u theddid li rcieva f' telefonata minghand omm it-tifel tieghu certa Cherise Esmeralda Vella. Hu stqarr li kien ircieva zewgt telefonati fuq il-mobile tieghu minn numru tal-mobile ta' Cherise. Fil-20 ta' Jannar 2024 giet l-Ghassa Cherise Esmeralda Vella li giet informata rigward ir-rapport fil-konfront taghha u ghazlet biex tikkonsulta mal-avukat ta' fiducja taghha. Hi rritornat l-Ghassa tas-Sliema nhar il-Hamis 25 ta' Jannar 2024 u stqarret li mhu se twiegeb ghal xejn.

**Affidavit ta' Marie Claire Tabone** in rapprezentanza ta' Epic Communications Ltd ipprezentat fit-30 ta' Mejju, 2024. Tipprezenta lista ta' telefonati li saru minn numru 99007329 fil-15 ta' Jannar, 2024.

**Leon Charles Grech** xehed fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2024. Jixhed li fil-15 ta' Jannar, 2024 hu u l-imputata Cherise Vella li hija l-ex partner tieghu marru jigbru lit-tifel taghhom ta' erba' snin mill-iskola. Jaghraf lil imputata fl-awla. Jixhed li dak iz-zmien kien hemm rakkomandazzjoni mic-child protection li t-tifel jorqod mieghu. Meta gabru lit-tifel fil-2:35 minn wara l-vann, it-tifel ghamel bikja ghax ma riedx imur ma' ommu. Ftehmu li jiehu lit-tifel u jgibulha d-dar. Xi ftit minuti wara cemplitu lil imputata fuq t-telephone. Jixhed:-

| | |
|---|---|
| "Xhud: | Cherise Vella, bdiet tghajjat u tgħidli għax qed inxewxu tifel u nieżla d-dar għand ommi tkisser il-gate tagħmel rebus." |

L-imputata cemplitlu fuq il-mobile tieghu permezz ta' call normali. In-numru tat-telephone tieghu huwa 77335517 u n-numru taghha huwa 99007329. It-telefonata damet bejn hames u ghaxar minuri u saret bejn 2:45 pm u 3:00pm.

Mistoqsi x' kienu l-kliem precizi jirrispondi

"Xhud: Li niezla taghmel stragi id-dar t'ommi u tkisser il-gate"

Wara din it-telefonata hassu imbezza li se jinqala' xi ħaġa u ha jiehu kedda it-tifel ukoll.

Provi prodotti mid-difiza

**Cherise Esmeralda Vella, l-imputata xehedet fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2024.**

Tixhed li dak iz-zmien kienet taht kura u kienet qed toqghod ma missierha u l-partner tieghu. Ghal xi raguni t-tifel taghha, Luca, ma riedx jigi maghha. Cemplet lil Leon Grech, missier it-tifel, biex tara f' xi hin gej it-tifel. Leon qalilha li ser jiehu lit-tifel mieghu bejn nofsiegha u siegha u jerga' jgibulha. Lit-tifel kull ma tarah xi tlett sieghat. Tixhed:-

> "Għidtlu ieqfu tipo xewxu t-tifel kontrija għedtlu it-tifel qed jidher li mxewwex għedtlu kif inkellmu jgħidli tindaħalx nkellmek kif irrid jien bħad-daddy."

Reghhet cemplet lil Leon biex iwissi lil ommu tieqaf ixxewwex lit-tifel kontriha.

> "Għedtlu għax ninzel hawnhekk u nagħmel xenata, pero jien fl-ebda ħin ma għedtlu ħa mmur nkisser il-gate u niskuża ruħi tar-reazzjoni ta' dak ta' dakinhar, imma kont dispjaċuta u tifel kull ma kont narah tliet siegħat jiena."

l-imputata cahdet li hija gheddedt lil parte civile.

Ikkunsidrat

Illi l-partijiet ghandhom tifel u dak iz-zmien tal-akkuza l-imputata, omm it-tifel, kienet qed tara lil minuri ghal ftit sieghat kuljum u dan minhabba problemi personali li kienet qed tghaddi minnhom.

Illi kemm mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Epic Comminications kif ukoll mix-xhieda tal-imputata jirrizulta li kienu saru zewgt telefonati kif rapportat mill-kwerelant. Li hemm kontestazzjoni huwa l-kontenut tat-telefonati.

Kif gie rilevat mid-difiza fit-trattazzjoni taghha, dak li intqal mill-kwerelant fir-rapport li ghamel u dak li xehed fl-awla huma differenti.

Illi ma dana kollu l-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni tal-istess imputata li hija qaltu li ser taghmel xenata.

Ikkunsidrat.

Illi f' dak li ghadu x' jaqsam mat-tieni imputazzjoni l-akkuza hija taht l-art. 49(a)u49 (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi

> "49.Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –
>
> (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew
>
> (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti qed tikkunsidra li l-imputata li giet michuda mill-access ghal binha u li kienet taht medikazzjoni cemplet lil missier it-tifel sabiex igibu lura. Illi anki' jekk l-imputata qalet li ser taghmel xenata kif ammettiet minnha stess fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ma jammontax ghal theddida ta' reat skont l-art 49(a). L-anqas t-telefonata ma tammonta ghal reat taht l-art 49(c) anki' ghaliex l-imputata kienet gustifikata ccempel lil missier il-minuri biex jgib lura t-tifel ghandha ghal access. Izda jinstabu l-elementi necessarji ghall-ewwel(1) imputazzjoni u giet ippruvata

**Decide**

Ghaldawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-art -artikoli 339(e) tal-Kap. 9 u art. 49(a),(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta  qed issib lil imputata Cherise Esmeralda Vella **hatja tal-ewwel imputazzjoni** u tikkundannaha ghal multa ta' mitt euro (100)

U qed issib lil imputata mhux hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontriha u tilliberha minn kull htija u piena dwar l-istess.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**